– BEJGH TA' VETTURA: TALBA GHALL-HLAS TAL-PREZZ BILANCJALI –
– PRESKRIZZJONI: TRID TIGI SEW INDIVIDWATA MILL-PARTI ECCIPJENTI –
– ONERU TAL-PROVA: BILANC TA' PROBABILITAJIET –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **320/2019**

**WESTERN COMPANY LIMITED**
[REG. NRU. C-19994]

***VERSUS***

**RICHARD GHIRXI**
[K.I. NRU. 328784M]

B'Avviz tat-Talba introdott fil-21 ta' Ottubru, 2019, is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef, mija u tmienja u hamsin ewro u disghin centezmu (€3,158.90c) u dan wara li premetiet hekk :

> It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tlitt elef, mija u tmienja u hamsin Ewro u disghin centezmu (€3,158.90c) rappresentanti bilanc minn prezz ta' vettura tat-tip Citroen bin-numru ta' registrazzjoni EBG 246 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
>
> Bl-ispejjez inkluz dwar ta' ittra ufficjali numru 1014/19 a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 (Dok A) u l-imghax u l-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut ressaq Risposta fl-20 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 9) fejn eccepixxa hekk:

1) Fl-ewwel lok qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici.

2) Fit-tieni lok is-socjeta attrici ma bieghetx il-vettura tat-tip Citroen bin-numru ta' registrazzjoni EBG216[1] lill-eccipjenti.

3) Illi peress li s-socjeta attrici qatt ma bieghet tali vettura lill-eccipjenti u ghalhekk l-ebda valur ma kien gie maqbul, percio, l-ebda ammont mhu dovut lis-socjeta attrici.

4) Illi s-socjeta attrici kellha tbiegh vann Ford Transit lill-eccipjenti u fil-fatt ftehim fuq din il-vettura saret. Di fatti l-eccipjenti hallas l-ammont ta' seba` mitt Ewro (€700) bhala depozitu fuq dik il-vettura. Illi dik il-vettura kellha tigi minn barra, izda peress li kienet qeghda ddum biex tasal is-socjeta attrici selfet vettura ohra lill-eccipjenti sabiex jinqeda.

5) Illi izda l-Ford Transit qatt ma waslet u l-eccipjenti spicca biex xtara vettura ohra minghand terzi u cioe xtara Peugot Partner.

6) Illi l-eccipjenti ried jirritorna l-vettura li selfitu s-socjeta attrici lura lis-socjeta attrici izda din qatt ma giet mitluba lura.

7) Illi sal-lum il-vettura in kwestjoni hija ggaraxjatha u ilha ggaraxjatha minn meta huwa xtara l-Peugot Partner. Illi ghalhekk is-socjeta attrici tista' tohodha lura diment li jithallas l-eccipjenti ghad-diversi hsarat li kellha.

8) Illi in ogni caso t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont mhu dovut lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa mit-Tribunal waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2021 (*fol.* 56) u fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2022 (a *fol.* 67) il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni wara li d-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-fomm quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali, inkluz is-sottomissjonijiet imressqa id-difensuri tal-kontendenti.

It-Tribunal jikkunsidra;

L-aspetti fattwali ta' dan il-kaz jistghu jigu migbura bil-mod li jmiss: fis-16 ta' Jannar, 2017 il-konvenut kien mar ghand l-attrici biex jixtri vettura. Dan huwa l-uniku punt t'inkontru fattwali li dwaru jaqblu l-partijiet, peress li fil-bqija z-zewg partijiet ma jikkondividux il-perspettiva fattwali ta' xulxin. Fuq naha hemm l-attrici li qed issostni li l-konvenut kien xtara minghanda l-vettura 'Citroen Berlingo' ghall-prezz ta' €2,900, li minnu lahaq thallaset ic-cifra ta' €700.00c bhala depozitu, filwaqt li l-bilanc ta' l-ammont kellu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €128.63c,

[1] In-numru ta' registrazzjoni kien tal-vettura kien originarjament jaqra "EBG246", izda gie korrett ghal "EBG216" fuq ordni tat-Tribunal wara talba tal-attrici mhux opposta mill-konvenut waqt is-seduta tad-9 ta' Frar, 2022.

liema ammont kien jinkludi fih imghax bir-rata ta' 8%.[2] Min-naha l-ohra, il-konvenut jikkontendi li huwa kien ftiehem ma' l-attrici li kien ser jixtri vettura tat-tip 'Ford Transit' ghall-prezz ta' €10,500.00c. Skond il-konvenut huwa hallas depozitu ta' €700.00c u ffirma "*karta vojta hlief ghad-depozitu*" u li kien biss wara li ghamel dan li Charles Bianco kien infurmah li l-vettura kienet ghad trid tasal Malta mill-esteru (ossia, mir-Renju Unit).[3] Skond il-konvenut, hu kien talab lura d-depozitu li kien hallas, izda Charles Bianco kien irrifjuta u ghalhekk kienu ftehmu li l-konvenut jigi misluf vettura 'Citroen Berlingo' sabiex juzaha sakemm jasal il-'Ford Transit' mir-Renju Unit.[4] Il-konvenut jghid li hu ghamel diversi spejjez sabiex ikun jista' juza din is-'Citroen Berlingo' waqt li kien qieghed jistenna li tasal il-'Ford Transit', tant li skond hu kien nefaq madwar €2,600.00c bhala spejjez ghal din il-vettura.[5] Il-konvenut jghid li eventwalment, u cioè fis-sena 2019, qata' qalbu li l-vann 'Ford Transit' jasal u ghalhekk kien xtara 'Peugot Partner' u ggaraxxja is-'Citroen Berlingo' li allegatament kien issellef minghand is-socjetà attrici.[6] Din il-vettura 'Citroen Berlingo' jirrizulta li giet skrappjata mill-konvenut fil-mori tal-kawza.[7]

Wara tali esposizzjoni brevi, it-Tribunal jghaddi biex l-ewwel u qabel kollox jikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tal-parti konvenuta illi, testwalment, tghid hekk: "*Fl-ewwel lok qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici.*"

It-Tribunal ikollu josserva li l-konvenut, nonostante li jikkontendi li l-istanza attrici hi preskritta, l-istess baqa' ma indikax taht liema artikolu tal-ligi l-azzjoni attrici hija, skond hu, hekk preskritta. Skond gurisprudenza kostanti, però, meta l-konvenut jinvoka l-preskrizzjoni huwa mehtieg minnu li hu jindividwa u jindika bi precizjoni d-disposizzjoni tal-Ligi, u jekk ikun il-kaz, is-sub-artikolu relattiv, li hu jkun qieghed jinvoka bhala terminu preskrittiv.[8]

Meta l-konvenut jonqos milli jaghmel dan, it-Tribunal ma jistax jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tieghu, ghaliex ir-regola hija li l-preskrizzjoni ma tistax tinghata effett *ex officio* mill-Qorti.[9] L-imsemmi nuqqas ma jistax jigi kolmat mill-enti gudizzjarja li qed tisma' u tiddeciedi l-vertenza peress illi skond is-sentenza, fost diversi u varji, *in re* **Christopher Selvagi et v. Peter Borg** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008), "*l-Qorti ma tistax tindahal dwar ix-xorta ta' preskrizzjoni sollevata mill-parti, kif lanqas ma tista' tirrileva ex officio l-preskrizzjoni li messha giet eccepita f'kaz li dik moghtija ma tkunx applikabbli (ara Artikolu 2111, Kodici Civili)*." F'dan is-sens ara wkoll **Perit Victor Muscat v. Edgar Tabone** (Appell Civili, 18 ta' Frar, 1963; mhux pubblikata); **Anthony Borg noe v. Martin Pillow noe** (Appell Inferjuri, 10 ta'

---

[2] Ara l-affidavit ta' Charles Bianco *a fol.* 18.
[3] Ara l-affidavit tal-konvenut, *a fol.* 38.
[4] *Idem*.
[5] Ara l-affidavit tal-konvenut, *a fol.* 39.
[6] Ara l-affidavit tal-konvenut, *a fol.* 40.
[7] Kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru, 2019, *a fol.* 61.
[8] Ara per ezempju: **Jerry Polidano vs Antonella Pulis** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9 ta' Mejju, 2022); **Joseph Gauci v. Saviour Farrugia** (Appell Civili, 22 Gunju, 2005); **Futura Home Appliances v. Peresso John** (Appell Civili, 16 ta' Marzu, 2005); **Maltacom plc v. Salina Co Limited** (Prim'Awla, 30 Novembru, 2004); **Air Malta plc v. Via Holidays & Travel Ltd** (Prim'Awla, 28 Jannar, 2002).
[9] Ara Art. 2111 tal-Kodici Civili.

Ottubru, 2008); **Dhalia Central Ltd v. Raymond Scerri** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2008). Agguntivament, skond id-decizjoni *in re* **Edwin Grech v. Antida Saglimbene et** (Qorti tal-Kummerc, 9 ta' April, 1992), "*fis-sistema gudizzjarju taghna, l-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet, li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku. Dana billi bhala norma l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet.*" Ara wkoll **Adam Galea et v. Tarcisio Calleja pro et** (Appell Superjrui, 25 ta' Mejju, 2001).

Ikollu jigi mistqarr illi jekk dan it-Tribunal jipprova jara x'inhi l-intenzjoni wara tali eccezzjoni biex jara sewwasew xi zmien preskrittiv kellu f'mohhu l-konvenut, l-istess ikun qed jarreka dannu lill-attrici, ghax minn libsa (u funzjoni) ta' enti gudikanti – li hu intrinsikament rwol distakkat, ekwidistanti, indipendenti u mparzjali mill-kontendenti – ikun qed jinzel fl-arena tal-kontestazzjoni u jirrivesti r-rwol ta' difensur a favur parti kontra l-ohra.[10] Dan mhux permess li jsehh,[11] aktar u aktar meta hawn si tratta ta' eccezzjoni klassifikata mill-gurisprudenza bhala wahda odjuza[12] u ta' interpretazzjoni stretta[13].

---

[10] Il-gudikant ma jistax inehhi t-toga tieghu u jilbes dik ta' avukat u jidhol fl-arena rizervata lill-partijiet u lid-difensuri taghhom. Ir-rwol tieghu, ghalkemm m'ghandux ikun ta' passività totali, hu primarjament wiehed ta' arbitru distakkat mill-litigju li qed jizvolgi quddiemu. In fatti, fil-kawza celebri ta' ***Jones v. National Coal Board*** [1953 J. No. 136] Lord Denning J. esprima ruhu hekk f'dan ir-rigward: « *In the system of trial which we have evolved in this country, the judge sits to hear and determine the issues raised by the parties, not to conduct an investigation or examination on behalf of society at large, as happens, we believe, in some foreign countries ... And Lord Greene M.R. who explained that justice is best done by a judge who holds the balance between the contending parties without himself taking part in their disputations.*" Apparti dan, "*È infedele alla legge quel giudice che, anche in buona fede, si sovrappone alle parti assumendo di fatto la veste di contradittore, che non gli compete; quel giudice che strumentalizza le parti ed il processo per un fine ad esso esterno, qualunque esso sia (politico, ideologico, economico, di sentimento, persecutorio, ecc. ecc.); quel giudice che finge di vivere il contradittorio ed il processo, ma giunge in realtà con la soluzione precostituita in tasca* " (**GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007, p. 31).

[11] F'dan ir-rigward wiehed ifakkar illi, "*it is not merely of some importance but it is of fundamental importance that justice should not only be done, but should manifestly and undoubtedly be seen to be done* (…) *Nothing is to be done which creates even a suspicion that there has been an improper interference with the course of justice*" (Lord Hewit CJ fil-kaz **R v. Sussex Justices, *ex parte* McCarthy** [1924] 1 KB 256, [1923] All ER 233). Tali taghlim hu mhaddan mill-qrati taghna hekk kif rifless *in re* **Collis Williams Limited et v. Supretendent tas-Sahha Pubblika et** (Prim'Awla, 26 ta' April, 2010) fejn hemm maghdud hekk: "*Din il-Qorti taghlaq billi tghid li dak tal-lum huwa kaz fejn l-aforisma* justice must not only be done but must be seen to be done *ghandu jipprevali fic-cirkostanzi tal-kaz.*"

[12] Ara **Ruggiero Cali v. Perit u Arkitett u Inginier Civili George Galea** (Appell Civili, 11 ta' Mejju, 1956 riportata f'Kollez. Vol.XL-I-166) fejn inghad li, "*biex il-Qorti tikkunsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjenti, u mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid li jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-ligi. Ghax xort'ohra l-Qorti tkun qeghda tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva; u fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika ta' preskrizzjoni ohra, l-eccezzjoni alternattiva tal-preskrizzjoni moghtija mill-eccipjent mhix attendibbli.*" Ara wkoll **John Bugeja v. Joseph Gauci** (Prim'Awla, 28 ta' Novembru, 2002).

[13] Ara, *inter alia,* **Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius** (Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1957 riportata f'Kollez. Vol.XLI-I-546) u **Perit Guido Vella v. Oliver Grech** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 15 ta' April, 2008).

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut li l-azzjoni attrici hija preskritta qed tigi michuda.

Sorvolata l-eccezzjoni preliminari invokata mill-konvenut, it-Tribunal ser jghaddi issa sabiex jezamina l-mertu ta' dan il-kaz.

Kif intqal aktar il-fuq, huma verament ftit il-fatti li l-partijiet f'din il-kawza jaqblu fuqhom. Effettivament l-unika fatti li l-partijiet jaqblu dwarhom huma tlieta, u cioè (i) li l-konvenut ried jixtri vettura minghand is-socjetà attrici ; (ii) li l-konvenut ha minghand is-socjetà attrici vettura 'Citroen Berlingo' ; u (iii) li l-konvenut hallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €700.00c bhala depozitu. It-Tribunal iqis ukoll li jista' jikkonsidra li hemm qbil dwar il-fatt li l-konvenut ma hallas lill-attrici xejn aktar hlief din is-somma ta' €700.00c, ikkunsidrat li l-konvenut m'ghamel l-ebda allegazzjoni f'dan ir-rigward (i.e., li hu wettaq xi hlasijiet ohra).

Bejn il-partijiet lanqas hemm qbil fuq ezattament x'kien il-veru oggett tan-negozju li sar bejniethom u kif il-konvenut spicca fil-pussess tal-vettura 'Citroen Berlingo'. Filwaqt li s-socjetà attrici tghid li hija kienet bieghet lill-konvenut vettura 'Citroen Berlingo' ghall-prezz ta' €2,900.00c, il-konvenut isostni li huwa fil-verità ried jixtri minghand l-attrici vettura ohra, ossia 'Ford Transit', ghall-prezz ta' €10,500.00c, izda kien issellef il-vettura 'Citroen Berlingo' meta rrizulta li l-attrici kien ghad m'ghandhiex f'idejha l-vettura minnu deziderata, ossia il-'Ford Transit'.

Huwa indubitat illi galadarba s-socjetà attrici qed tallega illi hemm dovut lilha hlas mill-konvenut, hija ghandha l-oneru illi tipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, illi din il-pretiza taghha hija fondata.[14] Kif jikteb l-awtur Franciz **Auguste Sourdat,** lill-parti attrici "*Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi.*" (*cfr*. "Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-awtur modern **Giorgio Bianchi** ("La Prova Civile", CEDAM 2009; p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte.*"[15] Inoltre, ta' min jissenjala d-decizjoni *in re* **Audrey Murphy v. Mark Anthony Delia** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) illi fiha inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-*

[14] Ghal diskussjoni dwar l-oneru tal-prova f'kawzi civili ara, *inter alia,* is-sentenza ta' dan it-Tribunal, kif presedut, *in re* **AMG Cold Stores Limited v. Barbuto Limited** tal-5 ta' Novembru, 2020.

[15] Fuq l-istess binarju, imma minn ottika tal-ligi kummercjali, jikteb l-awtur **Cesare Vivante** ("Trattato di Diritto Commerciale", Dott. F. Vallardi ed., 1928; Vol. IV, §1582, p. 76) meta jsostni hekk: "*La legge commerciale non è sgombra da ogni diffidenza verso i testimoni, poichè anche nella materia commerciale essi possono essere ingannevoli, smemorati, o alterati dai propri interessi, a questa prova, anche quando non manca al suo dovere di verità, può fare perdere molto tempo e molto denaro per non concludere nulla*."

*oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."[16] Meta dan ikun hekk, min hu tenut jiggudika ghandu jikkunsidra tali verzjonijiet b'kalibrazzjoni mal-provi mressqa mill-partijiet li ghandhom indole oggettiva. Kif jinghad fid-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **John Pace noe v. Kenward Cole noe** (Prim'Awla, 26 ta' Frar, 2001), "*Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtijin mill-partijiet imma testendi l-indagni taghha fuq il-provi dokumentali u/jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza*."

In sostenn tal-pretensjoni taghha, l-attrici prezentat skrittura privata datata 16 ta' Jannar, 2017 iffirmata mill-partijiet (*a fol.* 47), skond liema l-konvenut kien qieghed jixtri l-vettura 'Citroen Berlingo' bin-numru ta' registrazzjoni «EBG-246» ghall-prezz ta' €2,900, fir-rigward ta' liema thallas depozitu ta' €700.00c, filwaqt li l-bilanc kellu jithallas permezz ta' tletin (30) pagament mensili ta' €128.63c kull wiehed, liema ammont kien jinkludi fihom imghax bir-rata ta' 8%. F'dan ir-rigward ikun utli jigi osservat li l-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 992 tal-Kodici Civili jiddetta li, "*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*" u jkompli jzid, fit-tieni sub-inciz, illi, "*Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi*." Tali disposizzjoni taghti setgha ta' vinkolu legali, guridikament rikonoxxut, lill-awtonomija privata tal-kontraenti,[17] ossia l-volontà taghhom li jaghzlu jintrabtu b'mod reciproku f'legam kuntrattwali, basta li r-rabta hekk imnissla issehh skond l-ordinament guridiku u in konformità mieghu [hawnhekk, u bhala ezempju, wiehed

---

[16] L-awtur Amerikan **Marvin E. Frankel** ("Partisan Justice", edizjoni Hill & Wang, 1978; p. 75) jikteb hekk: "*Everyone is familiar by now with the phenomena of faulty observations, warped memory, and suggestibility leading to dubious accounts of events by the most honest of witnesses. We all tend more or less to see what we are disposed to see and to recall what it suits us to recall. It takes effort to surmount these inclinations. As a result, the attempt to reconstruct past events, the usual business of courtroom trials, is taxing under the best of conditions. Add the heat and smoke of controversy for high stakes and the task is regularly formidable*." L-istess jinsab miktub mill-awtur Taljan **Domenico Carponi-Schittar** fl-opra "Dal Colloquio Informativo Al Controesame" (Giuffrè, ed. 2010; pp. 113 et seqq.) li ghalih it-Tribunal jaghmel referenza bla htiega ta' citazzjonijiet

[17] "*L'autonomia privata è fondamentalmente potere di autodeterminazione del soggetto, cioè potere del soggetto di decidere della propria sfera giuridica. In generale, tuttavia, la determinazione della propria sfera giuridica coinvolge anche la sfera giuridica di altri soggetti*" (*cfr.* **C. Massimo Bianca**, "Diritto Civile: Il Contratto", Vol. III, Giuffrè 1999; §4, p. 11).

jaghmel rikjam ghall-Art. 982(2),[18] l-Art. 985,[19] l-Art. 990,[20] l-Art. 1054[21] tal-Kodici Civili li jippreskrivu limiti].

Tali awtonomija tista' facilment tinstilet minn dak li jiddetta l-Art. 960 tal-Kodici Civili, illi jiddefinixxi l-kuntratt bhala "*konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni*." Meta l-istess awtonomija tal-partijiet kontraenti tigi abbinata ma' l-osservanza ta' dak li tinnecessita l-ligi bhala sustanza [bhal perezempju, l-Art. 966 tal-Kodici Civili], u anke bhala forma u formalità [bhal perezempju, il-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta jew l-Art. 1233(1) tal-Kodici Civili], hemmhekk tinholoq l-obbligazzjoni kuntrattwali. Tali obbligazzjoni tohloq vinkolu li jorbot lill-kontraenti f'legam li ghandu jigi rispettat u onorat. In effetti, jinsab insenjat li, "*L'obbligazione è un vincolo; l'espressione latina è più energica «vinculuum»; è un legame (une chaîne); quegli che è legato (en-chaîne) non può sfuggire al potere di colui che lo tiene ne'legami. Ebbene, la persona obbligata è legata, come lo è una persona stretta da legami*" (*cfr*. **Francois Laurent**, ("Principii di Diritto Civile", Leonardo Vallardi ed. 1885; Vol. XV, §424, p. 367).

Meta l-partijiet ghall-kuntratt jifthiemu, *inter alia*, dwar l' "an" (l-oggett), dwar il-"quando" (ilmeta) u dwar il-"quomodo" (il-metodu jew il-kif) ta' l-att li ghandu jigi kompjut, f'dak il-preciz mument tinholoq qaghda awtonoma mill-volontà rispettiva taghhom li torbothom u tirregolahom. Konkjuza l-kontrattazzjoni l-istess imbaghad tiehu hajja propria indipendenti, regolata bil-principju ben not ta' "pacta sunt servanda". B'hekk jinghalaq cirku immaginarju fejn il-partijiet ghall-kuntratt li taw bidu ghalih u holquh, darba mahluq u perfezzjonat innegozju guridiku, l-istess kuntratt jakkwista fonti t'obbligazzjoni vinkolanti *a se stante* u dan propju ghax, salv kazijiet eccezzjonali [*vide* Art. 992(2) tal-Kodici Civili], "*ciascuno sa che il contratto, una volta perfetto, vive di vita propria, non potendo più essere modificato singolarmente dagli artefici*" (*cfr*. **Massimo Franzoni**, "Degli Effetti Del Contratto", Giuffrè 2ª ed. 2013; Vol.I, p. 5) u wkoll ghax "*è ben radicata l'idea che il contratto, una volta formatosi, cristallizza l'interesse delle parti, sicché queste sono tenute ad osservare la regola che ormai è sfuggita alla loro disponibilità*" (*ibid*. p.8).

In principju, l-ordinament Malti jiggarantixxi lill-privati dik il-libertà li jikkontrattaw dwar iddeziderji proprji b'dak il-mod u metodu l-aktar koerenti ma' l-interessi taghhom, bil-gosti taghhom u anke tenut kont tal-kapricci (leciti u ragjonevoli) taghhom. Dan hu anke dezunt meta l-Art. 960 u l-Art. 992(1) tal-Kodici Civili, fuq citati, jinqraw flimkien skond in-norma li tghallem illi "ex antecedentibus et

---

[18] L-Art. 982(2) Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ biss li ma humiex extra commercium jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim*."

[19] L-Art. 985 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt*."

[20] L-Art. 990 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku*."

[21] L-Art. 1054 Kod. Civ. jghid hekk: "*Kull kondizzjoni kuntrarja għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta' ħaġa impossibbli, ma tiswiex, u tagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha*."

consequentibus fit optima interpretatio".[22] Dak l-impenn kontrattwali li jitnissel minn impenn liberament assunt u liberament determinat, imbaghad, jittraduci ruhu f'impenn vinkolanti ghall-istess partijiet, proprjament ghax "*i privati sono liberi di contrarre, ma se contraggono si vincolano: perché questo vincolo trova fondamento nella loro libertà. Il termine stesso di «autonomia», del resto, esprime sia l'idea della libertà, sia l'idea del vincolo*" (*cfr*. **ENZO ROPPO**, "Il Contratto", 1989; parte IV, p.129). Tali rabta kontrattwali "*priva il debitore della sua libertà o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non è più libero, egli ha abdicato la sua libertà, e può esser costretto dalla forza pubblica ad adempire ai suoi impegni*" (*cfr*. **FRANCOIS LAURENT**, *op. cit.*, §424, p. 367).

Ghaldaqstant, jista' jigi generalment konkluz illi l-kuntratt jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Però, skond il-konvenut din l-iskrittura ma tirraprezentax ir-realtà tan-negozju li ghadda u li gie pattwit bejn il-partijiet. Il-konvenut jghid li meta huwa ffirma din l-iskrittura l-unika dettall li kien tnizzel fuqha kien li huwa hallas is-somma ta' €700.00c bhala depozitu, filwaqt li l-bqija tal-iskrittura thalliet vojta biex imbaghad tigi mimlija meta tasal il-vettura li verament sar negozju fuqha, u cioè l-vettura 'Ford Transit'. Ghalhekk, dejjem skont il-konvenut, din l-iskrittura giet mimlija b'informazzjoni minn wara dahru u kontra l-kunsens tieghu.

It-Tribunal josserva però li l-konvenut ma ha l-ebda passi biex jimpunja din l-iskrittura u ghalhekk, fl-assenza ta' sentenza finali li tiddikjaraha nulla, tibqa' tregi fil-konfront taghha l-presunzjoni tas-sincerità, tar-realtà u tal-legalità akkordata lilha mill-ligi u kif rikonoxxuta mill-gurisprudenza domestika (ara f'dan ir-rigward *in re* **Innocent Farrugia v. Frank Cachia**, Prim'Awla, 21 Jannar, 2005 u *in re* **Carmelo Cini v. Alfred Zammit**, Appell Civili, riportata f'*Kollezz*. Vol. LXX-II-204).

[22] Kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar miksuba (*optima interpretatio*) meta mehuda u kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Kif rakkjuz fil-gurisprudenza nostrali, "*per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti*" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, il-kliem m'ghandux jittiehed singolarment u/jew in vacuo. Id-disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi interpretata in lontananza mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjaha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi ssinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*". Ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

Minn dan isegwi li din l-iskrittura tirraprezenta prova ferm b'sahhitha tal-pretensjoni attrici u fin-nuqqas ta' provi sobriji u serji u oggettivi l-effikacja taghha ma tistax tigi sorvolata jew imwarrba.

It-Tribunal josserva li r-rendikont prezentat mill-attrici (*a fol.* 19) ghal xi raguni ma jindikax li l-vettura mibjugha lill-konvenut hija 'Citroen Berlingo' izda 'Peugot Partner'. Anke Charles Bianco fil-kontro-ezami tieghu xehed li "*Ghogbu Peugeot Partner u lilu xtara; elfejn u disa' mija kien hadu*" (*a fol.* 43). It-Tribunal iqis dan kollu inspjegabbli, ikkonsidrat li minn imkien iktar ma jirrizulta li kienet 'Peugeot Partner' li kienet l-oggett tan-negozju tal-partijiet, u apparti dawn iz-zewg istanzi appena msemmija, l-unika vettura li jissemmew huma 'Citroen Berlingo' u 'Ford Transit'. Filfatt, fl-affidavit tieghu Bianco xehed li l-konvenut kien xtara 'Citroen Berlingo', u dan minkejja li fir-rendikont ezibit ma' l-affidavit tieghu gie indikat li l-vettura mixtrija mill-konvenut kienet 'Peugeot Partner'. Il-vettura 'Peugeot Partner' dahlet fix-xena biss fl-2019, izda l-konvenut jghid li din xtraha minghand terzi u mhux minghand is-socjetà attrici. Din il-kwistjoni ma jistax hlief ikollha impatt negattiv fuq il-kredibilita tat-tezi tas-socjetà attrici.

Minkejja dan, wara li ezamina bir-reqqa l-assjem tal-provi prodotti mill-partijiet, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjetà attrici irnexxilha tipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet,[23] li hija kienet bieghet 'Citroen Berlingo' lill-konvenut kif qieghed jigi premess fl-Avviz tat-Talba. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva illi peress li hawnhekk qieghdin fil-kamp civili, is-socjetà attrici mhijiex rikjesta li tipprova l-pretensjoni taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Kieku kien dan l-oneru ta' prova impost fuq is-socjetà attrici, l-indikazzjoni ta' vettura differenti kemm fir-rendikont prezentat quddiem dan it-Tribunal u kif ukoll fil-kontro-ezami ta' Charles Bianco kienet tkun, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, prova sufficjenti sabiex tohloq dubbju dettat mir-raguni kontra l-verzjoni attrici. Però, f'din il-kawza il-grad ta' prova li trid tilhaq is-socjetà attrici huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet, u cioè li huwa aktar probabli milli le li s-socjetà attrici verament bieghet veikolu ('Citroen Berlingo') lill-konvenut, li minn naha tieghu kien moruz fil-pagamenti pattwiti fl-iskrittura imsemmija, u t-Tribunal iqis li s-socjetà attrici irnexxila tressaq prova sufficjenti sa dan il-grad.

L-ewwel nett, l-iskrittura esebita *a fol.* 47 hija prova b'sahhitha ta' dan in-negozju galadarba l-konvenut ghazel li ma jimpunjax il-validità taghha, minkejja l-allegazzjoni maghmula minnu fix-xhieda tieghu. Inoltre, it-Tribunal josserva li m'huwiex kontestat li s-socjetà attrici kienet, filfatt, ghaddiet il-vettura 'Citroen Berlingo' fil-pussess tal-konvenut, u dan it-Tribunal iqis inverosimili il-verzjoni tal-konvenut li huwa kien biss issellef din il-vettura sakemm tasal il-vettura li skond hu verament kien sar negozju fuqha, u cioè 'Ford Transit'. L-ewwel lok, it-Tribunal iqis inverosimili li s-socjetà attrici kienet ser tislef vettura ghall-uzu liberu tal-konvenut minghajr l-ebda hlas jew kondizzjoni. Inoltre, it-Tribunal josserva li din il-vettura

[23] Fost ohrajn, wiehed huwa mistieden jara l-parti rilevanti u relattiva fis-sentenzi ta' dan it-Tribunal *in re* **Romina Mifsud v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta et**, moghtija fit-30 ta' Novembru, 2021; *in re* **Catherine Cauchi v. Keith Seychell**, moghtija fl-1 ta' Novembru, 2021; u *in re* **Anthony Grech v. Joseph Spiteri**, moghtija fil-5 ta' Novembru, 2020.

‘Citroen Berlingo’ damet fil-pussess tal-konvenut ghal aktar minn sentejn, u ghalhekk huwa aktar u aktar inverosimili li s-socjetà attrici kienet ser thalli din il-vettura f’idejn il-konvenut minghajr hlas ghal dan iz-zmien kollu, u *multo magis* minghajr qatt ma tistaqsi ghar-ritorn taghha.

It-Tribunal iqis ukoll inverosimili li l-konvenut kien ser jaghmel l-ispejjez kollha li qal li ghamel fuq din is-‘Citroen Berlingo’ li kieku huwa kien verament qieghed sempliciment jissellifha, u aktar u aktar minghajr qatt ma interpella lis-socjetà attrici sabiex finalment tersaq ghall-bejgh tal-vettura li skont hu verament kien ftiehem maghha li jixtri. It-Tribunal josserva wkoll li fil-kontro-ezami tieghu il-konvenut xehed li mhux biss kien jircievi citazzjonijiet relattivi ghall-vettura ‘Citroen Berlingo’, izda wkoll li fil-mori tal-kawza huwa kien skrappja l-vettura, zewg affarijiet li jistghu ifissru biss li din il-vettura kienet irregistrata fuq ismu.  Meta l-konvenut iddecieda li jixtri ‘Peugeot Partner’ fl-2019 bilfors kien hemm certezza f’mohhu f’dak il-punt li n-negozju allegatament pattwit bejn il-partijiet ma kienx ser isir. Il-konvenut, minflok irritorna is-‘Citroen Berlingo’ lis-socjetà attrici u talab ir-rifuzjoni tad-depozitu li kien hallas, kera garaxx sabiex izomm is-‘Citroen Berlingo’ fih sakemm eventwalment ghazel li jiskrappja din il-vettura fil-mori tal-kawza. Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal din l-imgieba mhijiex konsona ma’ persuna li kien qieghed jiddetjeni l-vettura temporanjament, sakemm seta’ jsehh in-negozju li kien gie verament pattwit. Ghalhekk it-Tribunal iqis li m’hemmx raguni valida sabiex jiskarta l-principju *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* f’din il-kawza.

Skond l-iskrittura iffirmata mill-partijiet, il-konvenut kien baqghalu jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ €2,200.00c, oltre l-licenzja u *fees* amministrattivi. Il-bilanc pendenti kellu jithallas skond din l-iskrittura permezz ta’ pagamenti mensili ta’ €128.63c ghal tletin (30) xahar, liema pagament kienu jinkludi imghax bir-rata ta’ 8% fih. Dan ifisser li f’dawk it-tletin xahar il-konvenut kien qieghed jigi pretiz li jhallas is-somma ta’ €3,858.90, u cioè €2,200 rapprezentanti l-kapital u €1,658.90 rapprezentanti imghax. It-Tribunal josserva pero li b’rata ta’ imghax ta’ 8%, u cioe l-oghla rata permisibbli mill-ligi, il-pagament shih li kien ikollu jaghmel il-konvenut kien ikun fis-somma ta’ €2,640.00c u cioè €2,200.00c rapprezentanti l-kapital u €440.00c imghax, ghaliex 8% ta’ €2,200 huwa €176.00c u mhux €663.56c. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jibbaza d-decizjoni tieghu fuq l-ammont kif ikkalkolat minnu u jiskarta s-somma li tirrizulta mill-kuntratt imsemmi, li fi kwalunkwe kaz hija aktar gholja mill-ammont mitlub fl-Avviz, ghaliex it-Tribunal ma jistax jaghti effett ghal rata ta’ imghax li hija aktar gholja mill-oghla rata permessa mill-ligi.

Fir-rigward imbaghad tal-pagament dovut ghall-licenzja u *fees* amministrattivi, it-Tribunal josserva li l-ebda ammont specifiku ma gie indikat fl-iskrittura filwaqt li s-socjetà attrici ma produciet l-ebda prova oggettiva ta’ kemm kellhom ikunu dawn il-pagamenti. L-unika dokument minn fejn jirrizulta ammont specifiku f’dan ir-rigward huwa r-rendikont *a fol.* 19. Dan it-Tribunal iqis però li dan id-dokument m’huwiex prova li jista’ joqghod fuqha, ikkunsidrat dak li ntqal aktar ‘il fuq dwar id-diskrepanza fl-indikazzjoni tal-vettura.

Ghaldaqstant it-Tribunal iqis li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u erbghin ewro (€2,640.00c), oltre l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena dekoribbli mid-data tan-notifika lill-konvenut ta' l-ittra ufficjali bin-numru 1014/2019.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut, jichad il-bqija tal-eccezzjoni tal-konvenut, u jilqa' limitatament it-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u erbghin ewro (€2,640), oltre l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena dekoribbli mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-ittra ufficjali bin-numru 1014/2019 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – minhabba n-natura tal-kaz, l-fatt li l-pretiza attrici ma gietx akkolta fl-ammont originarjament propost u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jithallasu in kwantu ghal 80% mill-konvenut u in kwantu ghal 20% mis-socjetà attrici.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*